MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 160/1997/1

**Jean u Maria konjugi de' Conti Manduca**

**vs**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat-l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm718 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni subiti in segwitu ghal incident stradali li gara fil-21 ta' Awissu 1994 fl-Gharghur bejn Subaru Nru V-5432 misjuqa mill-istanti Jean de' Conti Manduca u car Escort Nru R-5037 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba negligenza, imperizja, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 1996, Lm11.50 ta' konsulti u dawk tal-ittra uficjali tallum lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 2 tal-atti) u li biha eccepixxa illi:

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilisitku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-attur Jean de' Conti Manduca..

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur spjega (a fol 18 et seq ibid) illi kien qed jsuq il-karozza numru V-5432 tal-marka Subaru u kien tiela' it-telgha li minn Bahar ic-Caghaq taghti ghal Madliena. Kif, kwazi, wasal fil-quccata f'daqqa wahda hu ra karozza ohra diehla f'tieghu. Hu waqaf izda sar l-impatt avolja kien ghafas, kemm seta', lejn il-hajt. In rigward il-karozza l-ohra hu qal "L-iehor zamm il-brake u l-karozza gibditu l-barra". In <u>kontro ezami</u>, hu semma li kien qed jsuq b'volocita ta' madwar 20 jew 25 mil fis-siegha, fuq is-second gear. Inoltre "iz-zewg karozzi, qabel il-kollizjoni, konna qeghdin fin-nofs tat-triq. It-tnejn konna sostanzjament lejn in-nofs (b') kull wiehed minna fuq il-genb tieghu". Hu, pero', issottolinea li "Filfatt il-kollisjoni nghid li grat iktar in-naha tieghi tat-triq milli n-naha tieghu". Inoltre hu semma li dan jidher mir-<u> ritratti</u> esebiti minnu u li jinsabu a fol 9 tal-atti. Fl-ahhar nett, hu accenna li t-"tyre" tal-lemin tal-karozza misjuqa mill-konvenut kien halla "brakemark" d-doppju tal-Escort" misjuqa mill-konvenut (ara ukoll x-xhieda ta' mart l-attur, <u>Marija Manduca</u> a fol 31 u 50 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi PS 651 Lawrence Portelli meta xehed semma li l-incident gara "f'dik il-parti dejqa tat-triq …. Qabel ma tasal ghan-nizla". A fol 45 jinsab esebit l-iskizz maghmul minnu u fuqu hemm indikata l-posizzjoni tal-vetturi involuti, wara l-habta in esami. Ta' min jinnota li ma hemmx "brake marks" wara l-istess vetturi inkluza dik misjuqa mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (a fol 56 et seq ibid) akkumpanjat, bhala passiggier, minn Dennis Calleja (fol 56 et seq ibid) xehed li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Gharghur u kif kien ser jiehu t-triq ghan-nizla hu sab karozza ohra "angolata quddiemi" u "timblokkani" u b'hekk "tostakola t-triq", liema karozza kienet il-boghod minnu "metru/zewg metri". In rigward Dennis Calleja (fol 56 u 57 tal-istess atti) dan sostna li l-istess incident "gara fil-bidu tan-nizla fuq is-side taghna".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher car li dan hu kaz fejn il-Qorti trid tivvaluta l-provi sabiex tara liema mill-versjonijiet moghtija, konfliggenti bejniethom tirrispekkja dak li verament gara f'l-istess kaz. Wara tali valutazzjoni l-istess Qorti tara li t-tnejn huma ugwalment probabbli u filfatt ma setghetx tikkonkludi li l-konvenut ikkaguna dan l-incident minhabba sewqan negligenti da parti tieghu. Difatti ma irrisultax li l-istess konvenut kien qed jsuq b'volocita' eccessiva ghall-lokalita' in kwistjoni kif hemm fuq deskritta. Lanqas ma irrisulta li l-vettura misjuqa minnu kienet anke "in parte" oltre l-linja medjana immaginarja tal-istess triq. Dan premess, il-konkluzjoni ghandha tkun li ma giex pruvat li l-konvenut kien qed jsuq b'dik il-manjiera allegata fl-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, in rigward l-ispejjes, kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur